# Ix-Xini "Santa Caterina" Tal-Gran Mastru Perellos (1697 - 1720)



*Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*

- Perellos kellu mħabba kbira għaż-Żejtun
- Perellos u l-Purċissjoni ta' San Girgor
- Casa Perellos fi Piazza Santa Croce
- It-testment ta' nhar Santa Katarina

Wara l-mewt tal-Gran Mastru Adrien Wignacourt fl-1697, laħaq floku Gran Mastru Aragoniż: **Ramon Perellos y Roccaful**, li kellu jdum imexxi lill-Gżejjer Maltin aktar minn tnejn u għoxrin sena, fi żmien meta, nistgħu ngħidu, li prattikament ġiet mibnija l-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun. Fuq il-bieb prinċipali tagħha, flimkien ma' l-arma ta' l-Isqof Davide Cocco Palmieri, qiegħdu l-arma ta' Perellos, li kellu mħabba kbira lejn Santa Katarina u ż-Żejtun, u ta' dan għandna bosta xhieda.

## Suldati Żwieten fl-ingress ta' Perellos

Waħda miċ-ċerimonji li kull Gran Mastru kien jagħmel fil-bidu tar-renju tiegħu, kien l-**ingress solenni fil-Belt Vittoriosa**, wara li jkun għamel ċerimonja simili ġewwa l-Imdina. Fil-ġurnata magħżula, Perellos qasam mill-Belt Valletta għax-Xatt ta' Bormla fuq gondola mżejna akkumpanjat mit-tiri tal-kanuni tax-xwieni u l-fortifikazzjonijiet tal-Port, u minn quddiem il-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla, mexa solennement sal-Birgu. Nafu li fost is-suldati skjerati fit-toroq fejn kellu jgħaddi Perellos, barra dawk tal-Kastell Sant' Anġlu u l-Isla, kien hemm **dawk taż-Żejtun, imlibbsin il-kurazza u armati bil-lanez**. Fost il-ħafna rigali li bihom imbagħad Perellos żejjen il-bini ta' l-Ordni, żgur ta' min isemmi l-arazzi prezzjużi li hu rregala, kemm lill-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, kif ukoll lill-Palazz Maġisterjali fil-Belt Valletta. Filwaqt li dawk ta' San Ġwann jittrattaw persunaġġi u ġrajjiet reliġjużi, dawk tal-palazz juru xeni ta' annimali, pjanti, nies u xenarji ta' l-Afrika u tal-Karibew.

## Casa Perellos

Fil-bidu tas-seklu 18, **il-purċissjoni ta' San Girgor**, li kienet issir kull sena minn Malta kollha sal-parroċċa tagħna, **kienet fl-aqwa tagħha**. Eluf kbar ta' nies kienu jiġu fiż-Żejtun għal din il-manifestazzjoni tradizzjonali. Dari l-Maltin ftit li xejn kellhom biex jirrikrejaw ruħhom, u allura l-isfog tagħhom kien f'ċelebrazzjonijiet folkloristiċi, bħall-Festa ta' San Girgor, li allura kienet issir dejjem fit-12 ta' Marzu, jum il-qaddis. Il-Kavallieri kienu jitħalltu mal-Maltin u l-**Gran Mastru**, akkumpanjat minn numru kbir ta' paġġi, **kien jiġi fiż-Żejtun** biex hu wkoll igawdi l-festa. Allura Perellos bena palazz f'waħda mit-toroq minn fejn kienet tgħaddi l-purċissjoni twila, biex mill-gallarija tiegħu jkun jista' jara kollox...... u kulħadd jara lilu! Dan il-palazz, "Casa Perellos" kif nafuh illum, jinsab fit-triq li fi żmienna tissejjaħ Triq Santa Katarina, iżda mhux hekk kienet magħrufa din il-parti taż-Żejtun fi żmien Perellos. Probabbli li l-Gran Mastru kien iqatta' xi ġranet tas-sajf f'dan il-palazz.

## Palazz Barokk

Il-palazz għandu faċċata mponenti ta' żewġ sulari. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali hemm żewġ persjani, u żewġt itwieqi fis-sular ta' fuq, waħda kull naħa tal-gallarija tassew sabiħa u artistika, kollox mibni fuq stil barokk. Il-gallarija maestuża tistrieħ fuq erba' saljaturi kbar skolpiti b'partijiet **mill-armi ta' Perellos** (lanġasa) u **ta' l-Ordni. Il-lanġasa** tidher ukoll fuq iż-żewġ pilastri tat-truf. Fuq nett hemm statwa tal-Madonna. Fuq ġewwa, intrata wiesgħa tagħti għall-erba' kmamar, taraġ għal fuq u ġnien spazjuż. Is-saqaf ta' din l-intrata hu mibni fuq tmien ħnejjiet, iżda l-paviment oriġinali biċċangatura tal-franka, fis-seklu li għadda kien mibdul f'madum. Taraġ żgħir iniżżlek fis-sotterran, li allura kien jintuża bħala maħżen fi żmien Perellos. Hawn għadhom jidhru xi bankijiet u ħoloq malħajt, li probabbilment kienu jintużaw biex jorbtu l-annimali. L-ewwel u t-tieni sular huma kbar ħafna, b'**għaxar kmamar kull wieħed**. Il-kmamar ta' fuq kienu għall-irqad tal-Gran Mastru u l-paġġi tiegħu, forsi wkoll għal xi mistednin. Mas-sular t'isfel, hemm ukoll**il-ġnien kbir u sabiħ** mimli bis-siġar taċċitru. Fuq ix-xellug hemm bir ta' żmien Perellos, b'disinn tal-ħadid bis-Salib tal-Kavallieri. Aktar 'il ġewwa hemm għajn imżejna b'arzella u l-arma ta' Perellos (1).

## Tliet xwieni ta' Perellos

Dan il-palazz hu mibni ħafna **viċin il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu** u l-wesgħa quddiem il-bieb ta' l-Iskola Primarja. Dari din il-pjazza ċkejkna kienet tissejjaħ "**Piazza Santa Croce**", minħabba s-salib li għadu jidher sal-lum. **Perellos kellu mħabba speċjali għal din il-parti taż-Żejtun**. Barra li bena l-palazz tiegħu tas-sajf hawnhekk, huwa**semma tliet xwieni għal dawn l-inħawi**. L-ewwel xini semmieha "**Santa Caterina**", patruna taż-Żejtun. Min minna hu midħla tat-tarzna f'Bormla, jew ġieli kellu okkażjoni jżur din it-tarzna, forsi jaf illi**wieħed mill-imħażen tax-xwieni ta' żmien l-Ordni, għadu sal-lum iġib l-isem "Santa Caterina" fuqu**! Xini oħra semmieha "**Santa Croce**", ovvjament għall-parti taż-Żejtun fejn bena l-palazz tiegħu, filwaqt li oħra semmieha "**Santissima Vergine del Pilar**". Min iżur il-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu, jaf illi l-artal tal-ġenb fuq il-lemin hu ddedikat lill-Madonna taħt dan it-titlu. **Fl-inħawi tal-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu tinħass ħafna l-influwenza Spanjola**. Snin wara Perellos, kien Aljyrto Megino, l-ambaxxatur Spanjol, li għen lil Dun Alwiġ Camilleri jiftaħ skola għat-tfal żwieten fid-dar okkupata llum mis-sorijiet "ta' l-Ispirtu s-Santu". Medaljun tiegħu, skolpit fil-ġebel, jidher f'din id-dar.

## Rebħiet tax-xini "Santa Caterina"

Ix-xini "Santa Caterina" inħadmet fit-Tarzna ta' Malta. Fis-sajf tal-1707, l-Ordni bagħtet għajnuna lill-Belt ta' Oran, li kienet f'idejn l-Ispanjoli u li kienet qed tiġi assedjata mill-għadu Tork. **Intbagħtu x-xwieni "Santa Caterina" u "Santa Croce"**, u m'hemm l-ebda dubju li kellhom bosta baħrin Maltin fuqhom, fosthom s'intendi **numru ta' żwieten**. Barra l-munizzjon li ġarrew lejn il-belt assedjata, irnexxielhom ukoll iniżżlu l-art 20 Kavallier u 300 suldat biex dawn jagħtu l-għajnuna tagħhom fid-difiża tal-belt (2). Suċċess navali ieħor



Salib tal-Kavallieri fil-ġnien ta' *Casa Perellos* fiż-Żejtun

kisbet "Santa Caterina" meta qabdet vaxxell Musulman bl-isem "Nofs Qamar", u minn fuqu ttieħdu 36 kanun u 161 ilsir Tork, filwaqt li 35 Nisrani nħelsu mill-jasar (3). Kien żmien meta fiż-Żejtun, minn populazzjoni ta' madwar 3,000 ruħ, madwar 800 kienu rġiel.**Ħafna minn dawn l-irġiel żwieten kienu jsibu mpjieg bħala baħrin fuq ix-xwieni ta' l-Ordni**, aktar u aktar meta ż-Żejtun mhux 'il bogħod mill-Port il-Kbir, fejn kienet tinsab id-Daħla tax-Xwieni.

## Santa Katarina fil-Belt Valletta

Fi żmien Perellos, l-arkitett Romano Carapecchia kellu sehem importanti fil-bini tal-faċċata tal**knisja ta' Santa Caterina d'Italia** fil-Belt Valletta fl-1713 u dik ta' Santa Maria tal-Pilar fl-1718, knejjes li kienu jippartjenu lill-Kavallieri Taljani u Aragoniżi rispettivament. Il-Kavallieri Taljani ġiebu l**istatwi ta' Santa Katarina u Sant' Ewfemja** mill-kappella tagħhom fil-knisja konventwali ta' San Ġwann u qegħduhom fil-knisja ta' San Girgor fiż-Żejtun, meta għamlu ta' l-irħam flokhom. Il-knisja tal-Madonna tal-Pilar fil-Belt kienet ġarrbet ħsarat kbar fit-terremot tal-1693 meta waqgħet il-koppla. Fl-istess terremot kien waqa' kważi l-katidral kollu ta' l-Imdina, li wara nbena mill-ġdid minn Lorenzo Gafa', l-istess arkitett li bena l-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun. Fl-1714 l-istess Carapecchia ddisinja l-**kunvent u l-kappella tas-Sorijiet ta' Santa Caterina** li nsibuhom fin-naħa t'isfel ta' Triq ir-Repubblika fil-Belt (4). L-imħabba lejn Santa Katarina u l-Madonna tal-Pilar, Perellos urieha mhux biss fiż-Żejtun, iżda wkoll fil-Belt Valletta.

## Perellos u l-knisja ta' San Girgor

Xhieda oħra tar-rabta li Perellos kellu maż-Żejtun, tidher fil-knisja ta' San Girgor. Din il-knisja parrokkjali qadima ġiet imkabbra u mżejna fi żmien il-Kavallieri. Hekk il-kappelluni kienu nbnew bejn is-snin 1593 u 1603, kif jidher mir-ruġuni li qegħdin fis-saqaf tagħhom. Wara l-attakk tat-Torok fuq iż-Żejtun fl-1614, il-**Gran Mastru Alofju Wignacourt irregala lil din il-knisja**, bħala tifkira, **Salib tal-Kavallieri tal-fidda** (5), u l-pittur **Cassarino pinġa l-kwadru tal-martirju ta' Santa Katarina** li llum jinsab fis-sagristija prinċipali tal-knisja parrokkjali tal-lum. Iż-żewġ faċċati, dekorati ħafna fuq stil barokk, tal-artali tal-ġnub fil-knisja ta' San Girgor, iġibu **l-arma tal-Gran Mastru Cottoner**. **Perellos ukoll** ma naqasx li jirregala kwadru kbir u sabiħ lil din il-knisja: **il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu**, li jinsab fil-kappellun tax-xellug. Dan il-kwadru jagħti lemħa lill-pittura ta' Enrico Reynaud (1692 - 1764), iżda ma nafux fiċ-ċert min kien il-pittur. **Fil-parti ċentrali t'isfel** (li tinsab moħbija ftit wara l-istatwa ċkejkna tad-Duluri fuq l-ixkaffa ta' fuq l-artal) **hemm l-arma ta' Perellos.** Dan ifisser li kien Perellos innifsu li qabbad u ħallas lill-pittur biex jagħmel dan il-kwadru, li wara hu rregalah lill-knisja ta' San Girgor. Dan ifisser ukoll li fi żmien meta kienet qed tinbena l-knisja parrokkjali ġdida taż-Żejtun, **Perellos kellu wkoll għal qalbu l-knisja ta' San Girgor!**



Il-Gallarija ta' *Casa Perellos fiż-Żejtun*

## Id-difiża taż-żejtun minn Perellos

Mhux hekk biss! **Perellos ħaseb ukoll biex jiddefendi sewwa mill-għadu Tork l-inħawi taż-Żejtun.** Veru li qablu Alofju Wignacourt kien bena ż-żewġ torrijiet kbar ta' San Luċjan u San Tumas, biex jiddefendi d-daħliet ta' l-ibħra li jagħtu għaż-Żejtun. Iżda barra xi torrijiet tal-għassa mibnija minn De Redin f'nofs is-seklu 17, ma nbena xejn aktar biex jiddefendi liż-Żejtun.**Kien fi żmien Perellos li d-Daħliet ta' Marsaxlokk, San Tumas u Wied il-Għajn ġew imsaħħa b'numru kbir ta' fortifikazzjonijiet oħra.** Matul dawn ix-xtajtiet inbnew il-batteriji u ridotti ta' Bengħisa, Kalafrana, San Ġorġ, Gżira, Elminieh, Qajjanza, San Luċjan, Wilġa, Riħana, Maħsel, San Tumas u Wied il-Għajn, biex inkunu semmejna xi wħud minnhom. Wara żdiedu l-*fougasse* u t-trunċieri. Dan ġara għaliex bdiet tipprevali fost il-Kavallieri l-opinjoni li jkun aħjar li huma jilqgħu lill-għadu qabel ma jinżel l-art, milli jħalluh l-ewwel jinżel u mbagħad joħorġu għalih minn wara s-swar tal-Belt. Dan kien ifisser ukoll difiża aħjar għaż-żwieten, li mhux l-ewwel darba nqabdu għal għarrieda mill-għadu u ttieħdu fil-jasar.

Għalkemm Perellos miet fl-1720 fl-eta' ta' 84 sena,**it-testment tiegħu** hu għamlu aktar minn tliet snin qabel, jiġifieri fl-1716. **Id-data eżatta kienet il-25 ta' Novembru, jum il-festa ta' Santa Katarina.** Jiġifieri wkoll f'mewtu dan il-Gran Mastru kien iddestinat li jkollu rabta maż-Żejtun! Kienet ħaġa f'postha li ftit tas-snin ilu, waħda mit-toroq ġodda taż-Żejtun ġiet imsemmija għal Perellos, li tant kien iħobb il-parroċċa tagħna u l-patruna tagħna Santa Katarina.

~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~ ~

## Riferenzi


1. Studju mhux ippubblikat ta' Catherine Tabone.
2. "Il-Gran Mastri" Vol. II, p.332.
3. Idem, p.333.
4. Idem, p.341.
5. Inventarju tal-knisja ta' San Girgor, Arkivju Kurja Floriana, Conti Żejtun.


## Radd il-Ħajr

Catherine Tabone u Carmelo P. Baldacchino, Żejtun.


# GOLD LADY

Sir Paul Boffa Avenue Zejtun

(Ħdejn il-Knisja tal-Ħniena)

**GOLD REPAIRER & MANUFACTURER OF ALL ITEMS**

**TEL: 673928**